SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 07/KA2/15

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/10 – 27/01/15** **48**

**Nru ta' seduti minn 12/07/10 – 27/01/15** **58**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 02/12/14** **06**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 27 ta' Jannar 2015

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio
Il-Membru Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Maria Dolores Falzon

Is-Sindku Is-Sur Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati: (1) Il-Viċi Ċermen Michael La Rosa

1.05 Assenti: (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa’ fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-21 ta’ Jannar 2015. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta’ Minuti
2. Korrispondenza
3. Ħruġ ta’ Permessi
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets
7. Aġġornament tal-laqgħa

**1.3 Approvazzjoni ta’ Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 05/KA2/14 u 06/KA2/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

1.3.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P495 Talba mingħand Andrea Rizzo sabiex ikabbar il-bankina fi Triq Paceville quddiem il-Hot Ice Bar.

P510 Email mingħand Fr. Hiliary Tagliaferro dwar il-kaptell ta’ quddiem il-Millenium Chapel, fi Triq il-Knisja.

P538 Talba mingħand is-Sur Keith Pace sabiex titneħħa bozza fi Triq Ball.

P22 & P27 Korrispondenza dwar talba mingħand San Giuliano Catering biex isiru xi xogħolijiet fit-taraġ ta’ Triq San Ġorġ.

P23 Talba mingħand is-Sinjura Natasha Buttigieg sabiex jirranġaw il-bankina fi Triq Dragunara.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P495**

2.02 Saret riferenza għat-talba mingħand Andrea Rizzo sabiex ikabbar il-bankina fi Triq Paceville quddiem il-Hot Ice Bar. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa mill-Awtoritajiet kompeteneti.

**Rif Nru. P538**

2.03 Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Keith Pace dwar tneħħija permanenti ta' bozza fi Triq Ball. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat joġġezzjona li titneħħa l-bozza permanenti. Iżda l-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni li l-bozza titneħħa temporanjament, u teħel temporanjament f'post ieħor sakemm ikunu għaddejjin ix-xogħolijiet. Wara terġa tiġi nstalata fil-post oriġinali. Dan kollu għas-spejjeż tas-Sur Keith Pace.

**Rif. Nru. P22 & P27**

2.04 Saret riferenza għat-talba mingħand San Giuliano Catering Ltd. biex isiru xi xogħolijiet fit-taraġ ta' Triq San Ġorġ. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat Amministrattiv Paceville ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsiru x-xogħolijiet dment li dawn isiru għas-spejjeż tal-klijent u min-naħa tal-klijent.

**Rif. Nru. P23**

2.05 B'riferenza għat-talba mingħand is-Sinjura Natasha Buttigieg sabiex jirranġaw il-bankina fi Triq Dragunara, ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li x-xogħlijiet isiru mill-applikant għas-spejjeż tagħhom.

**3 Ħruġ ta' Permissi**

3.01 Peress li mhux il-membri kollha kienu preżenti ġie deċiż unanimament li din l-*item* terġa' tittella' quddiem il-Kumitat fil-laqgħa li jmiss.

**4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

4.01 Ma kienx hemm komunikazzjonijiet.

## 5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

5.02 Il-Membru Richard Scilcuna ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Ċermen issekondah.

5.04 Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni fejn il-Membri Joe Oliva u Maria Dolores Falzon astjenew. Dan għar-raġuni li ma jridux jerfgħu responsabilita' fuq il-pagamenti li jsiru. Filwaqt li l-Membri l-oħra qablu mal-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.05 Din il-mozzjoni għaddiet.

## 6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 316 sa nru. 322 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn nru. 316 sa nru. 322

6.03 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 7 Aġġornament tal-laqgħa

7.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar Tlieta 17 ta' Frar 2015 fis-2.00 p.m.

7.02 Il-laqgħa ntemmet fit-2.50 p.m.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**